MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## JACQUELINE PADOVANI

Seduta tas-6 ta' Dicembru, 2006

Numru. 618/2006

PULIZIJA
SPETTUR ANGELO GAFA'
VS
PAUL DELICATA

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Paul Delicata, ta' 24 sena, bin Mario u Mary nee' Farrugia, imwieled Pieta' fis-26 ta' Marzu 1982 u residenti f'Master Court, Flat 4, Triq l-Imriehel, Birkirkara, u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 190882(M), u akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer, fis-17 ta' Dicembru 2005, irceva jew accetta xi offerta jew weghda ta' xi vantagg mhux xieraq ghalih innifsu jew ghal haddiehor, bil-ghan li jezercita xi nfluwenza mhux xierqa fuq il-mod kif jiddeciedi Paul Grech, ezaminatur tas-sewqan impjegat ma' l-Awtorita' dwar it-Trasport ta' Malta (ADT).

Il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija, tikkundanna lill-akkuzat ghall-hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri, hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali (a fol 10) u tal-imputat (a fol 9) sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat (a fol 5).

Semghet il-konferma ta' tali ammissjoni, wara li l-Qorti tat zmien ragjonevoli sabiex l-imputat jirripensa ruhu.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:-

Fuq l-istess ammissjoni tieghu, din il-Qorti ssib lill-imputat hati skond l-akkuza, u wara li rat l-Artikolu 127 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u Artikolu 22 tal-Kap 446, tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sitt xhur.

Din il-piena qed tinghata wara li l-Qorti hadet in konsiderazzjoni il-fedina penali nadifa netta tal-imputat; l-ammissjoni bikrija tieghu; u l-fatt illi l-imputat ikkopera bis-shih mal-Pulizija, u li tali koperazzjoni tieghu wasslet lill-Pulizija sabiex jinizjaw proceduri kriminali kontra terzi persuni.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------